**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 28 ta' Marzu 2023**

**<u>Rikors nru : 95/2023 AGV ;</u>**

**JF**

**- vs -**

**EA**

**Il-Qorti ;**

**Rat ir-Rikors ta' J F datat 20 ta' Frar 2023;**

Jesponi bir-rispett:

Illi l-partijiet iżżewġu f'Malta fil-ħamsa u għoxrin (25) ta' Ġunju tas-sena elfejn u ħdax (2011) liema żwieġ ġie reġistrat fir-Reġistru Pubbliku bin-numru progressiv elf mija wieħed u sebgħin tas-sena elfejn u ħdax (1171/2011) (Ara Dok A anness);

Illi minn dan iż-żwieġ ma twieldux ulied;

Illi l-partijiet illum huma legalment separati b'kuntratt redatt minn Nutar Dottor Jonathan Zammit mit-dsatax (19) ta' Diċembru tas-sena elfejn u tmintax (2018) (Ara Dok B anness);

Illi skont l-istess kuntratt tas-separazzjoni personali (Ara Dok B, Klawsola 5 taħt 'B. Termini u Kondizzjonijiet Ġenerali'), l-ebda manteniment m'hu dovut fir-rispett tal-konjugi *stante* li l-partijiet formalment iddikjaraw li huma ddekadew mid-dritt tagħhom għall-manteniment mingħand xulxin;

Illi m'hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejnet il-partijiet *stante* illi illum għandhom ħajja totalment separata minn xulxin;

Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha meħtieġa għal-ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kodiċi Ċivili, Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

Għaldaqstant l-esponenti umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Tippronunzja l-ħall taż-żwieġ bejnet il-partijiet;

2. Tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fiż-żmien imħolli għal daqshekk mill-istess Qorti, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bill-ħall taż-żwieġ tal-partijiet biex dan jiġi registrat fir-Reġistru Pubbliku.

Il-Qorti rat li l-konvenuta ma ghandhiex oggezzjoni ghat-talba tad-divorzju.

**DECIDE;**

Il-Qorti, tilqa' t-talbiet u tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet **iccelebrat nhar il- 25 ta' Gunju 2011**

Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien ghaxart ijiem javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet, biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Spejjez jibqghu bla taxxa.

Terminu tal-appell abbrevjat ghal gurnata.

**Onor. Anthony G. Vella**

**Imhallef**

**Cettina Gauci**

**Dep Reg**